MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 749/2013/1

**David Bonnici ID 658282M) u**
**Daniela Ciantar ID 46485M**

**Vs**

**Anthony u Sharon konjugi Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat fit-22 ta’ Mejju 2013.

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-30 ta' Mejju 2013 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2013 u d-digriet taghha fejn irrevokat contario imperio id-Digriet precedenti filwaqt li l-Mandat inzamm fis-sehh provizorjament in kwantu li l-intimati huma inibiti milli ikomplu jibnu u/jew jikkostruwixxu fuq il-linja divizorja tal-proprjeta' taghhom jew jaghmlu xi kostrizzjoni ohra, li tmiss mal-linja divizorja.

Rat il-verbal tallum fejn Dr Luciano Busuttil ghar-rikorrenti nforma lill-Qorti li l-mertu gie ezawrit u jibqa’ ferm dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

Il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-verbal tallum kif ukoll tal-verbal tat-30 ta’ Mejju 2013 tirrevoka *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha kif indikat fl-ahhar seduta quddiemha, bi qbil bejn il-partijiet, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern salv li tordna li l-ispejjez tal-Mandat jigu sopportati mill-intimati.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------